KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

BORMLA
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

`

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 74/2017

**14 ta' Settembru, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
James Cauci – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera

## SKUZAT:

Ivan Agius – Viċi Sindku

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

74.1.1 Is-Sindku qrat sms li kien intbaghatilha mis-Sur Ivan Agius u li permezz tieghu kien infurmaha illi minhabba ragunijiet personali ma kienx ser ikun possibbli ghalih li jattendi ghas-seduta.

74.1.2 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sindku u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti, il-Kunsill Lokali ddecieda li jiggustifika l-assenza tal-Vici-Sindku.

**74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

74.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 73 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

73.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas- Sa. Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

73.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

74.3.1 Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti illi appell li kien iddahhal fuq decizjoni tal-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti ghal servizz ta' knis ta' toroq kien gie mirbuh u l-*Public Contracts Review Board* kien ikkonferma illi d-decizjoni li kien ha l-Kunsill Lokali ta' Bormla kienet legalment valida.

74.3.2 Is-Sa. Alison Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ghadha ghaddejja l-inizjativa ta' infurzar li kienet giet imnehdija mill-Kunsill Lokali ta' Bormla bil-kollaborazzjoni tal-*Cleansing Services Directorate* u kienu inhargu numru ta' tahrikiet lil individwi illi kienu inqabdu jiksru l-istruzzjonijiet mahruga mill-Kunsil Lokali.

74.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha mal-amministraturi tal-Universita' Amerikana f'Malta. Matul l-istess laqgha kienu gew diskussi materji relatati ma' immaniggjar ta' skart iggenerat mill-istess entita'. Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji tal-ftehim li kien intlehaq.

74.3.4 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bis-sitwazzjoni tal-knis u gbir ta' skart. Filwaqt

li sahqet illi l-Kunsill Lokali kien konxju mid-diffikultajiet u problemi li kien hemm, hija ziedet tghid illi s-sitwazzjoni kienet ser tkun qieghda tigi ratifikata b'sorveljanza fuq il-kuntrattur responsabbli mill-gbir ta' skart kif ukoll minn kuntratt li l-Kunsill Lokali kien mistenni jiffirma ghall-knis u tindif ta' toroq.

**74.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

74.4.1 Ma kienx hemm.

**74.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

74.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru9/17) ghall-approvazzjoni.

74.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

74.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Awissu 2017 ghall-approvazzjoni.

74.5.4 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**74.6 Sejhiet ghall-Offerti**

74.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif diskuss aktar kmieni waqt l-istess seduta, il-Kunsill Lokali kien inghata ragun f'appell li kienet ghamlet il-kumpanija Progressive Solutions Ltd. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jaghmel l-arrangamenti mehtiega sabiex hekk kif ikun legalment possibbli il-Kunsill Lokali jiffirma kuntratt mas-Sur Owen Borg.

**74.7 Grawnds Peppi Delceppo**

74.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti li l-Perit tal-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem l-istimi tax-xogholijiet skond id-disinn imfassal u maghzul mill-Kunsill Lokali. Hekk kif jitlestew l-istimi, il-Kunsill Lokali kien ser jigi infurmat sabiex eventwalment tittiehed decizjoni dwar kif kellu jipprocedi l-istess Kunsill Lokali.

**74.8 Competition and award for Permanent Sustainable Mobility Measures**

74.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali kien issottometta

applikazzjoni hekk kif deciz waqt is-seduta precedenti. Fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna illi jinhargu r-rizultati tal-kompetizzjoni.

## 74.9 Mozzjonijiet

74.9.1 Ma kienx hemm

## 74.10 Rapporti

74.10.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-ammont ta' fondi disponibbli permezz tal-iskema Urban Improvemenet Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar kien jammonta ghal €67 329.97.
- Gie deciz illi korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand Wasteserv Malta Ltd. rigward il-European Week for waste Reduction kellha tigi mghoddija lill-Kunsilliera ghall-kunsiderazzjoni taghhom.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand PBS ghal filming fil-lokalita'.
- Giet milqugha t-talba tal-Fondazzjoni Bormliza ghall-Persuni b'Dizabilita' li min-naha taghha kienet talbet servizz ta' kowc darba f'xahar ghall-membri tal-istess fondazzjoni.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jkollu riklam ta' pagna (abjad u iswed) f'publikazzjoni li kienet ser tinhareg mic-Centru 19 ta' Novembru 1944. L-ispiza relatata kienet ser tammonta ghal €100.
- Kellha tigi mghoddija lill-Kunsilliera e-mail li permezz taghha il-Kunsill Lokal inghata parir legali minghand l-avukat tal-Kunsill Lokali rigward kuntratt li kien gie ffirmat ma' Grand Harbour Marina.
- Kien hemm qbil illi hadd f'isem il-Kunsill Lokali ma kellu jidhol ghal tahrig dwar il-programm Erasmus+ li kien jaqa' taht il-kappa ta' finanzjament ta' programmi tal-Unjoni Ewropeja.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'email mibghuta mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali rigward il-hinijiet tas-seduti tal-Kunsilli Lokali
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'email li kienet waslet minghand is-Sur Matthew Tonna Gilford rigward hruq ta' nar ghal zmien il-festa. Fir-rigward, il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-amministrazzjoni kienet qieghda tigbor l-informazzjoni mehtiega sabiex eventwalment jinhargu l-permessi/no objections.
- Gie deiz illi kellha tigi milqugha talba ta' AACM ghal car show fil-lokalita' nhar it-8 t'Ottubru 2017.
- Kellu jintalab il-parir ta' Transport Malta rigward problema ta' parkegg biswit il-banek HSBC U BOV. Fir-rigward, kellu jigi infurmat id-Dipartiment ghall-Gvern

Lokali b'eventwali zviluppi peress li l-monitoring unit fi hdan l-istess dipartiment kien ghamel xi mistoqsijiet dwar il-materja

74.10.2 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport ta' laqgha li kienet inzammet bejn rapprezentanti tal-Kunsill Lokali u rapprezentanti tal-festa esterna rigward gabbani li kienu jarmaw fi zmien il-festa. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellha tigi evalwata l-possibilita' illi l-gabbani ghal zmien il-festa jigu mpoggija fi pjazza li kien hemm biswit l-ghassa tal-pulizija.

74.10.3 Is-Sindku qalet illi wara laqgha li l-Kunsill Lokali kellu mal-klabb tar-regatta tal-lokalita' kienet qieghda titressaq proposta ghal attivita' mtella' b'kollaborazzjoni bejn iz-zewg entitajiet nhar il-Hadd 17 ta' Settembru 2017. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera prezenti, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-attivita' msemmija sakemm l-ispiza tal-Kunsill Lokali ma teccedix l-€1000.

**74.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

74.11.1 Is-Seduta ntemmet fit-8:45p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 18 ta' Ottubru 2017 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 18 ta' Ottubru, 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |